Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/784/PESK

tas-17 ta' Diċembru 2010

dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

(ĠU L 335, 18.12.2010, p. 60)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/858/PESK tad-19 ta' Diċembru 2011	L 338	54	21.12.2011
►**M2**	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/324/PESK tal-25 ta' Ġunju 2012	L 165	48	26.6.2012

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/784/PESK

tas-17 ta' Diċembru 2010

dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 43(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani [1] (EUPOL COPPS) għal perijodu ta' tliet snin. Il-fażi operattiva tal-EUPOL COPPS bdiet fl-1 ta' Jannar 2006.

(2) Il-Missjoni ġiet estiża l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/955/PESK [2] u ser tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010.

(3) Fis-17 ta' Novembru 2010 l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) irrakkomanda li l-Missjoni tiġi estiża għal perijodu addizzjonali ta' 12-il xahar sal-31 ta' Diċembru 2011.

(4) L-istruttura ta' kmand u kontroll tal-Missjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet kuntrattwali tal-Kap tal-Missjoni lejn il-Kummissjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Missjoni.

(5) Il-kapaċità tal-għassa għandha tiġi attivata għall-Missjoni.

(6) Il-Missjoni ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u tagħmel ħsara lill-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Missjoni

1. Il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Uffiċċju ta' Koordinazzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-Sostenn tal-Pulizija Palestinjana (EUPOL COPPS), stabbilita bl-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK, ser titkompla mill-1 ta' Jannar 2011.

2. L-EUPOL COPPS għandha topera skont il-mandat kif stabbilit fl-Artikolu 2.

[1] ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.
[2] ĠU L 330, 16.12.2009, p. 76.

▼B

Artikolu 2

Mandat

L-għan tal-EUPOL COPPS huwa li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' arranġamenti tal-pulizija sostenibbli u effettivi taħt il-proprjetà Palestinjana skont l-aħjar standards internazzjonali, f'kooperazzjoni mal-programmi għall-bini tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll sforzi internazzjonali oħra fil-kuntest usa' tas-Settur ta' Sigurtà inkluż ir-Riforma tal-Ġustizzja Kriminali.

Għal dan l-għan l-EUPOL COPPS għandha:

(a) tassisti lill-Pulizija Ċivili Palestinjana (PCP) fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Żvilupp tal-Pulizija billi tagħti konsulenza u tiggwida mill-qrib lill-PCP, u b'mod speċifiku uffiċċjali għolja fil-livell tad-Distrett, il-Kwartieri-Ġenerali u l-Ministeri;

(b) tikkoordina u tiffaċilita l-assistenza tal-Unjoni u l-Istati Membri, u fejn mitluba, assistenza internazzjonali għall-PCP;

(ċ) tagħti konsulenza dwar elementi tal-Ġustizzja Kriminali relatati mal-pulizija;

(d) jkollha unità ta' proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti. Il-Missjoni għandha, kif meħtieġ, tikkoordina, tiffaċilita u tipprovdi pariri dwar proġetti implimentati mill-Istati Membri u l-Istati terzi taħt ir-responsabbiltà tagħhom, f'oqsma relatati mal-Missjoni u b'appoġġ tal-objettivi tagħha.

Artikolu 3

Reviżjoni

Proċess ta' reviżjoni ta' kull sitt xhur, skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-Kunċett tal-Operat (CONOPS) u l-Pjan tal-Operat (OPLAN) u li jieħu kont tal-iżviluppi fil-post, ser iservi biex isiru aġġustamenti kif meħtieġa fid-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni tal-EUPOL COPPS.

Artikolu 4

Struttura

Fit-twettiq tal-missjoni tagħha, l-EUPOL COPPS għandha tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

1. Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija,

2. Taqsima tal-Konsulenza,

3. Taqsima tal-Koordinazzjoni tal-Programm,

4. Taqsima tal-Amministrazzjoni,

5. 'Taqsima tal-Istat tad-Dritt.

Dawn l-elementi għandhom jiġu żviluppati fil-CONOPS u fl-OPLAN. Il-Kunsill għandu japprova l-CONOPS u l-OPLAN.

Artikolu 5

Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili

1. Id-Direttur tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) għandu jkun il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għall-EUPOL COPPS.

▼B

2. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ), għandu jeżerċita kmand u kontroll tal-EUPOL COPPS fil-livell strateġiku.

3. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jiżgura implimentazzjoni korretta u effikaċi tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill kif ukoll tad-deċiżjonijiet tal-KPS, anke bil-ħruġ ta' istruzzjonijiet fil-livell strateġiku kif meħtieġ lill-Kap tal-Missjoni u billi jagħtih pariri u appoġġ tekniku.

4. Il-persunal kollu sekondat għandu jibqa' taħt il-kmand sħiħ tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat mittenti jew tal-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-Kontroll Operattiv (OPCON) tal-persunal, it-timijiet u l-unitajiet tagħhom lill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.

5. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu r-responsabbiltà ġenerali biex jiżgura li d-dmir ta' diliġenza tal-Unjoni jiġi attwat b'mod xieraq.

6. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ.

Artikolu 6

Kap tal-Missjoni

1. Il-Kap tal-Missjoni għandu jassumi r-responsabbiltà u jeżerċita kmand u kontroll tal-missjoni fuq il-post.

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq il-persunal, it-timijiet u l-unitajiet minn Stati kontribwenti kif assenjati mill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili flimkien mar-responsabbiltà amministrattiva u loġistika inkluż fuq l-assi, ir-riżorsi u l-informazzjoni li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-missjoni.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jagħti istruzzjonijiet lill-persunal kollu tal-missjoni, għat-tmexxija effettiva tal-EUPOL COPPS fil-post tal-operazzjoni, jassumi l-koordinazzjoni u l-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha, billi jimxi fuq l-istruzzjonijiet fil-livell strateġiku tal-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Missjoni. Għal dan il-għan, il-Kap tal-Missjoni għandu jiffirma kuntratt mal-Kummissjoni.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinarju fuq il-persunal. Għall-persunal sekondat, l-azzjoni dixxiplinarja għandha tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati jew mill-istituzzjoni kkonċernata tal-Unjoni.

6. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrappreżenta l-EUPOL COPPS fiż-żona tal-operazzjonijiet u għandu jiżgura l-viżibbiltà adegwata tal-Missjoni.

7. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina, adegwatament, ma' atturi oħrajn tal-Unjoni fuq il-post. Mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand, il-Kap tal-Missjoni għandu jirċievi gwida politika lokali mir-RSUE.

Artikolu 7

Persunal tal-EUPOL COPPS

1. In-numri u l-kompetenzi tal-persunal tal-EUPOL COPPS għandhom ikunu konsistenti mal-istqarrija tal-missjoni stabbilita fl-Artikolu 2 u l-istruttura stabbilita fl-Artikolu 4.

▼B

2. Il-persunal tal-EUPOL COPPS għandu jikkonsisti primarjament minn persunal sekondat mill-Istati Membri jew l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Kull Stat Membru jew istituzzjoni tal-Unjoni għandha terfa' l-ispejjeż ta' kwalunkwe persunal sekondat minnu, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-post tal-iskjerament, is-salarji, il-kopertura medika u l-allowances, minbarra allowances ta' kuljum applikabbli, kif ukoll allowances għat-tbatija u għar-riskju.

3. Ċittadini tal-Istati Membri għandhom jiġu reklutati fuq bażi kuntrattwali mill-EUPOL COPPS kif meħtieġ, jekk il-funzjonijiet meħtieġa mhumiex previsti mill-persunal sekondat mill-Istati Membri.

4. L-EUPOL COPPS għandha tirrekluta wkoll persunal lokali kif meħtieġ.

5. Stati Terzi jistgħu wkoll, kif meħtieġ, jissekondaw persunal għall-missjoni. Kull Stat terz li jissekonda, għandu jġorr l-ispejjeż relatati mal-persunal kollu sekondat minnu, inkluż salarji, kopertura medika, allowances, assigurazzjoni ta' riskju għoli u spejjeż tal-ivvjaġġar lejn u miż-żona tal-missjoni.

6. Il-persunal kollu għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-Missjoni. Il-persunal kollu għandu jirrispetta l-prinċipji tas-sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill ([1]).

Artikolu 8

Status tal-persunal tal-EUPOL COPPS

1. Fejn meħtieġ, l-istatus tal-persunal tal-EUPOL COPPS, inklużi fejn xieraq il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji ulterjuri meħtieġa għall-ikkompletar u l-funzjonament bla xkiel tal-EUPOL COPPS, għandu jkun is-suġġett ta' ftehim li jiġi konklużż skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 37 tat-Trattat.

2. L-Istat Membru jew l-istituzzjoni tal-Unjoni li jissekondaw membru tal-persunal għandhom ikunu responsabbli li jwieġbu għal kwalunkwe talba marbuta mal-issekondar, minn jew li tikkonċerna l-membru tal-persunal. L-Istat Membru jew l-istituzzjoni tal-Unjoni inkwistjoni għandhom ikunu responsabbli mill-istituzzjoni ta' kwalunkwe azzjoni kontra l-persuna ssekondata.

3. Il-kondizzjonijiet tal-impjieg u d-drittijiet u l-obbligi tal-persunal kontrattwali internazzjonali u lokali għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti bejn il-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija u l-membri tal-persunal.

Artikolu 9

Linja ta' Kmand

1. L-EUPOL COPPS għandu jkollha linja ta' kmand unifikata, bħala operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet.

2. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-RGħ, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUPOL COPPS.

3. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tar-RGħ, għandu jkun il-kmandant tal-EUPOL COPPS fil-livell strateġiku u, bħala tali, għandu joħroġ istruzzjonijiet lill-Kap tal-Missjoni u jipprovdilu konsulenza u appoġġ tekniku.

([1]) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1.

▼B

4. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jirrapporta lill-Kunsill permezz tar-RGħ.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq l-EUPOL COPPS f'livell ta' fuq il-post tal-operazzjoni u għandu jkun direttament responsabbli lejn il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.

Artikolu 10

Kontroll politiku u direzzjoni strateġika

1. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-RGħ, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS biex jieħu d-deċiżjonijiet relevanti għal dan il-għan, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat sabiex jinħatar Kap tat-TPUE, fuq proposta mir-RGħ, u sabiex jiġu emendati il-CONOPS u l-OPLAN. Din għandha tinkludi wkoll is-setgħat li jittieħdu deċiżjonijiet sussegwenti rigward il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni. Is-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-objettivi u t-tmiem tal-missjoni għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.

2. Il-KPS għandu jirraporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.

3. Il-KPS għandu jirċievi fuq bażi regolari u kif meħtieġ rapporti mill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u l-Kap tal-Missjoni dwar kwistjonijiet fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom.

Artikolu 11

Parteċipazzjoni ta' Stati terzi

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni u l-qafas instituzzjonali uniku tagħha, l-Istati Terzi jistgħu jiġu mistiedna biex jikkontribwixxu għall-EUPOL COPPS sakemm iħallsu l-ispejjeż biex jibgħatu l-persunal sekondat minnhom, inkluż is-salarji, il-kopertura medika, l-allowances, l-assigurazzjoni kontra r-riskji kbar, u l-ispejjeż għall-ivvjaġġar lejn u miż-żona tal-missjoni, u jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' kuljum tal-EUPOL COPPS, kif xieraq.

2. L-Istati terzi li jikkontribwixxu għall-EUPOL COPPS għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi fil-ġestjoni ta' kuljum tal-missjoni bħall-Istati Membri.

3. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet pertinenti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti u sabiex jistabbilixxi Kumitat ta' Kontributuri.

4. L-arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim li għandu jiġi konkluż f'konformità mal-Artikolu 37 tat-Trattat u arranġamenti tekniċi addizzjonali kif meħtieġ. Fejn l-Unjoni u Stat terz jikkonkludu ftehim li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' dan l-Istat terz fl-operazzjonijiet tal-Unjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest tal-EUPOL COPPS.

▼M1

Artikolu 12

Sigurtà

1. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jidderieġi l-ippjanar tal-miżuri ta' sigurtà tal-Kap tal-Missjoni u jiżgura l-implimentazzjoni korretta u effettiva tagħhom għall-EUPOL COPPS f'konformità mal-Artikoli 5, 6 u 9, f'koordinazzjoni mad-Direttorat tas-Sigurtà tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

▼M1

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għas-sigurtà tal-EUPOL COPPS u sabiex jiżgura konformità mar-rekwiżiti minimi ta' sigurtà applikabbli għall-EUPOL COPPS, f'konformità mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra l-Unjoni f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat, u l-istrumenti ta' sostenn tiegħu.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun assistit minn Uffiċjal Anzjan tas-Sigurtà tal-Missjoni (SMSO), li għandu jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni u jżomm ukoll relazzjoni funzjonali mill-qrib mad-Direttorat ta' Sigurtà tas-SEAE.

4. Il-persunal tal-EUPOL COPPS għandu jingħata taħriġ obbligatorju ta' sigurtà qabel ma jibda dmirijietu, f'konformità mal-OPLAN. Hu għandu jirċievi taħriġ regolari ta' aġġornament fuq il-post organizzat mill-SMSO.

▼B

Artikolu 13

Arranġamenti finanzjarji

▼M1

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 għandu jkun EUR 8 250 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal- EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2012 sa 30 ta' Ġunju 2012 għandu jkun ta' EUR 4 750 000.

▼M2

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2012 sat-30 ta' Ġunju 2013 għandu jkun EUR 9 330 000.

▼B

2. In-nefqa kollha għandha tiġi amministrata konformement mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Iċ-ċittadini ta' Stati terzi parteċipanti u ta' pajjiżi ġirien għandhom ikunu permessi li jressqu offerti għall-kuntratti. Soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kap tal-Missjoni jista' jikkonkludi arranġamenti tekniċi ma' Stati Membri, ma' Stati terzi parteċipanti, u ma' atturi internazzjonali oħrajn fir-rigward tal-provvista ta' tagħmir, servizzi u uffiċċji lill-EUPOL COPPS.

4. Il-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija għandu jirraporta bis-sħiħ lill-Kummissjoni, u jiġi sorveljat minnha dwar l-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-kuntratt tiegħu.

5. L-arranġamenti finanzjarji għandhom jirrispettaw il-ħtiġijiet operattivi tal-EUPOL COPPS, inklużi l-kompatibbiltà tat-tagħmir u l-interoperabbiltà tal-iskwadri tagħha.

6. In-nefqa għandha tkun eliġibbli sa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 14

Rilaxx ta' informazzjoni klassifikata

1. Ir-RGħ huwa awtorizzat jirrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni, skont il-każ u l-ħtiġijiet operattivi tal-missjoni, informazzjoni u dokumenti klassifikati tal-UE sal-livell "RESTREINT UE" ġenerati għall-għanijiet tal-Missjoni, skont ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill.

▼B

2. Fil-każ ta' ħtieġa operattiva speċifika u immedjata, ir-RĠħ huwa wkoll awtorizzat jirrilaxxa lill-awtoritajiet lokali informazzjoni u dokumenti klassifikati tal-UE sal-livell "RESTREINT UE" ġenerati għall-finijiet tal-missjoni, skont ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill. Fil-każijiet l-oħra kollha, tali informazzjoni u dokumenti għandhom jiġu rilaxxati lill-awtoritajiet lokali skont il-proċeduri adatti għal-livell tal-koperazzjoni tagħhom mal-Unjoni.

3. Ir-RGħ huwa awtorizzat jirrilaxxa lil Stati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni u lill-awtoritajiet lokali dokumenti mhux klassifikati tal-UE relatati mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill fir-rigward tal-Missjoni koperti mill-obbligu ta' segretezza professjonali skont l-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ([1]).

Artikolu 15

Għassa

Il-Kapaċità tal-Għassa għandha tiġi attivata għall-EUPOL COPPS.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

▼M2

Hija għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2013.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).